



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 22.9.2004
KUMM(2004) 607 finali

2004/0209 (COD)

Proposta ta'

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2003/88/KE dwar ċerti aspetti ta' l-arranġament tal-ħin tax-xogħol

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEG(2004) 1154}

SPJEGAZZJONI TAL-GĦANIJIET

I. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

1. Din il-proposta għandha l-għan li temenda d-Direttiva 2003/88/KE¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti ta' l-arranġament tal-ħin tax-xogħol.
2. L-eżaminazzjoni mill-ġdid ta' ċerti disposizzjonijiet tad-Direttiva 2003/88/KE, bl-iskop ta' emenda eventwali, hija imposta mid-direttiva nfisha. Fil-fatt, din għandha żewġ disposizzjonijiet li jantiċipaw l-eżaminazzjoni mill-ġdid tagħhom qabel it-23 ta' Novembru 2003. Dawn id-disposizzjonijiet jikkonċernaw id-derogi tal-perijodu ta' referenza għall-applikazzjoni ta' l-artikolu 6 (ħin massimu ta' xogħol fil-ġimgħa) u l-fakultà li ma japplikawx l-Artikolu 6 jekk l-impjegat jagħti l-kunsens biex jagħmel xogħol simili.
3. Mill-banda l-oħra, l-interpretazzjoni tal-disposizzjonijiet tad-direttiva mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkazzjoni ta' bosta każijiet interlokutorji bis-setgħa ta' l-Artikolu 234 tat-Trattat, kellha impatt profond fuq in-nozzjoni tal-"ħin tax-xogħol" u, għalhekk, fuq id-disposizzjonijiet essenzjali tad-direttiva. Il-Kummissjoni kkonsidrat għalhekk neċessarju u opportun l-analiżi ta' l-effetti ta' din il-ġurisprudenza, notevolment tas-sentenzi fil-każijiet SIMAP² u Jaeger³, li jikkonċernaw id-definizzjoni legali bħala ħin ta' xogħol tal-perijodi meta t-tobba jkunu xogħol għal li jista' jinqala', skond ir-regola tal-preżenza fiżika fl-istabbiliment tas-saħħa.
4. Skond it-termini ta' l-Artikolu 138 tat-Trattat, il-Kummissjoni kkonsultat lill-imsejbin soċjali fil-livell komunitarju dwar l-orjentazzjoni possibbli ta' azzjoni komunitarja f'dan il-qasam. Wara din il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni kkalkulat li azzjoni komunitarja tkun mixtieqa u kkonsultat mill-ġdid l-imsejbin soċjali fil-livell komunitarju dwar il-kontenut tal-proposta preveduta, b'konformità ma' l-Artikolu 138, paragrafu 3, tat-Trattat. Ir-riżultat ta' din it-tieni fażi ta' konsultazzjoni hu miġbur fil-qosor hawn taħt.

II. RIŻULTATI TAT-TIENI FAŻI TA' KONSULTAZZJONI TA' L-IMSEJBIN SOĠJALI

5. Qabel xejn, hemm bżonn ikun rikmarkat li l-imsejbin soċjali rrifjutaw l-invitatazzjoni li jibdew negozjati f'dan il-qasam bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim Ewropew u talbu lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta ta' direttiva.

¹ Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti ta' l-arranġament tal-ħin tax-xogħol, ĠU L 299, tat-18.11.2003, p.9.

² Sentenza tal-Qorti tat-3 ta' Ottubru 2000 fil-każ C-303/98, Sindicato de Médicos de Asistencia Pública (SIMAP) kontra Conselleria de Sanidad y Consumo de la Generalidad Valenciana, Ġabra ta' Deċiżjonijiet 2000, p. I-07963.

³ Sentenza tal-Qorti tad-9 ta' Ottubru 2003 fil-każ C-151/02, talba miġjuba quddiem il-Qorti minn Landesarbeitsgericht Schleswig-Holstein (il-Ġermanja) fi ħdan il-każ li qed jinstema quddiem din il-ġurisdizzjoni bejn il-Landeshauptstadt Kiel u Norbert Jaeger, li għadha ma ġietx ippubblikata.

6. Dwar il-kontenut ta' proposta simili, l-opinjoni huma maqsuma. Għalhekk, f'dak li jikkonċerna l-Artikolu 22, paragrafu 1 (« opt-out »), l-organizzazzjoni rappreżentattiva tal-ħaddiema (ETUC) tinsisti li s-soppressjoni progressiva tiegħu biss, kemm jista' jkun malajr, hija aċċettabbli. Bil-kontra, f'dak li jikkonċerna l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' daww li jħaddmu, l-UNICE tesprimi ruħha favur iż-żamma tal-preżenti Artikolu 22, paragrafu 1, billi żżied il-possibbiltà għall-Istati Membri li jawtorizzaw l-opt-out bħala ftehim kollettiv. Is-CEEP, minn naħa tagħha, tesprimi ruħha favur iż-żamma ta' dan id-disposizzjoni, billi tirrinforza l-kondizzjonijiet tagħha ta' applikazzjoni.
7. Dwar il-kwistjoni tad-derogi tal-perijodi ta' referenza, l-ETUC tfakkar li l-annullament tal-perijodu ta' referenza hija diġà possibbli fl-ambitu leġiżlattiv attwali. L-ETUC tikkunsidra li l-possibbiltà li jittawwal il-perijodu ta' referenza bi 12-il xhar permezz ta' mezzi leġiżlattivi jew regolamentari hija kontro-produttiva għal ftehim modern dwar il-ħin tax-xogħol. Hi tiddefendi għalhekk iż-żamma tad-disposizzjonijiet attwali. L-UNICE hi ta' l-opinjoni li d-direttiva għandha tippermetti perijodu ta' referenza ta' sena, bil-possibbiltà ta' estensjoni bi ftehim kollettiv. Din l-emenda se tippermetti biex tirrispondi għall-ħtiġijiet ta' l-intrapriżi suġġetti għal varjazzjonijiet qawwija, se tnaqqas in-nefqa amministrattiva, notevolment għal SME u se tappoġġa x-xogħol waqt perijodi ta' varjazzjonijiet fid-domanda. Is-CEEP tesprimi ruħha fl-istess direzzjoni.
8. Għal dak li jikkonċerna l-mistoqsija ta' definizzjoni tal-ħin tax-xogħol, l-opinjoni huma wkoll diverġenti mhux ħażin. L-ETUC tikkunsidra li l-introduzzjoni tan-nozzjoni ta' « perijodu inattiv tal-ħin meta wieħed ikun fuq xogħol għal dak li jista' jinqala' » hija miżura disproporzjonata meta mqabbla mal-problemi li jiltaqgħu magħhom l-Istati Membri. Skond l-ETUC, soluzzjonijiet li jkollhom inqas firxa se jkunu jistgħu jkunu preveduti. L-UNICE tiddefendi li l-perijodi ta' xogħol effettiv għandhom ikunu kkunsidrati bħala ħin ta' xogħol u tissuġġerixxi emenda tad-definizzjoni tal-“ħin tax-xogħol” f'din id-direzzjoni. Is-CEEP tappoġġa ż-żieda tal-kategorija tal-“perijodu tal-ħin inattiv meta wieħed ikun fuq xogħol għal dak li jista' jinqala'”, li ma għandhux ikun magħdud bħala ħin ta' xogħol.

III. ĠUSTIFIKAZZJONI TAL-PROPOSTA

9. Il-Kummissjoni enfasizzat għal bosta drabi⁴ l-konvinzjoni tagħha li avviċinament globali biss ta' l-erba oqsma jidentifikati u sottomessi għad-diskussjoni ta' l-imsejbin soċjali fil-livell komunitarju se jkun ta' natura li jippermetti li tinstab soluzzjoni bilanċjata u li tassigura r-rispett tal-kriterji definiti.

⁴

Ara notevolment iż-żewġ dokumenti ta' konsultazzjoni ta' l-imsejbin soċjali: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni li tikkonċerna l-eżaminazzjoni mill-ġdid tad-Direttiva 93/104/KE dwar ċerti aspetti ta' l-arranġament tal-ħin tax-xogħol, Dokument KUMM(2003) 843 final u t-Tieni fażi ta' konsultazzjoni ta' l-imsejbin soċjali fil-livell komunitarju li jikkonċerna r-reviżjoni tad-direttiva 93/104/KE li tikkonċerna ċerti aspetti ta' l-arranġament tal-ħin tax-xogħol, dokument SEG(2004) 610.

10. Il-Kummissjoni ħabbret ukoll minn qabel il-kriterji li se jkollhom jissodisfaw il-proposta adottata:
- assigurazzjoni ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-ħaddiema fil-qasam tal-ħin tax-xogħol;
 - għoti lill-intrapriżi u lill-Istati Membri ta' flessibilità aktar kbira fl-immaniġġjar tal-ħin tax-xogħol;
 - possibbiltà ta' kompatibilità bejn haġja professjonali u haġja familjari;
 - mod biex ikun evitat li jkun imponut sfurzar li ma jagħmilx sens fuq l-intrapriżi, notevolment fuq is-SME
11. Mil-lat tal-Kummissjoni, din il-proposta hi dik li tippermetti biex jiġu bl-aħjar mod sodisfatti dawn il-kriterji.
12. Fil-fatt, din il-proposta tippermetti li jiżdied il-livell ta' protezzjoni tal-ħaddiema, filwaqt li tippermetti lill-intrapriżi l-flessibilità neċessarja fil-qasam ta' l-arranġament tal-ħin tax-xogħol. F'dak li jikkonċerna b'mod aktar speċifiku l-*opt-out* individwali, li jippermetti li wieħed ma jkunx marbut bil-limitu ta' 48 siegħa, din il-proposta tintroduċi sistema doppja, li tgħaqqad il-vantaġġi ta' l-avviċinament individwali u ta' sigurtà addizzjonali ottenuta permezz tan-negozjat kollettiv. L-*opt-out* se jkun kondizzjonat bl-awtorizzazzjoni preċedenti tagħha permezz ta' ftehim kollettiv jew akkordju bejn l-imsejbin soċjali, iżda biss fil-każijiet fejn akkordji simili huma possibbli skond il-liġi u/jew prattiki nazzjonali. Jekk dan mhux il-każ, l-*opt-out* se jkompli jkun possibbli permezz ta' kunsens individwali, iżda l-kondizzjonijiet ta' applikazzjoni huma riveduti sabiex ikunu evitati l-abbużi u assigurat li l-għażla tal-ħaddiem hi għal kollox ħielsa. Barra minn hekk, f'dan il-każ, il-proposta tistabbilixxi limitu għat-tul ta' żmien ta' xogħol fil-ġimgħa f'kwalunkwe ġimgħa.
13. Hija tippermetti wkoll kompetibilità aħjar bejn il-haġja professjonali u l-haġja familjari notevolment permezz tat-tibdil propost f'dak li jikkonċerna l-Artikolu 22, paragrafu 1. Fl-ambitu ta' l-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Lisbona, il-preambolu 6 jfakkar li jiddependi mill-Istati Membri li jinkoraġġixxu n-negozzjar ma' l-imsejbin soċjali f'dan il-qasam.
14. Barra minn hekk, din il-proposta tagħti lill-intrapriżi u lill-Istati Membri flessibilità aktar kbira fl-immaniġġjar tal-ħin tax-xogħol. Fil-fatt, il-perijodu ta' referenza għall-kalkolu tat-tul massimu fil-ġimgħa tal-ħin tax-xogħol se jkun jista' jiġi ffissat għal sena, biex b'hekk jagħti lill-intrapriżi l-possibbiltà li jirrispondu għall-varjazzjonijiet, xi fitt jew wisq regolari, tad-domanda.
15. Bil-għan li jassiguraw bilanċ adegwat bejn il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-ħaddiema fuq naħa u l-bżonnijiet tal-flessibilità ta' l-intrapriżi, fuq in-naħa l-oħra, u filwaqt li jikkunsidraw li l-perijodi inattivi matul il-perijodi fejn wieħed ikun fuq xogħol għal dak li jista' jinqala' ma jirrikjedux l-istess livell ta' protezzjoni tal-perijodi attivi, il-proposta tistabbilixxi li l-perijodi inattivi tal-ħin ta' xogħol għal dak li jista' jinqala' mhumie x ħin tax-xogħol fis-sens tad-direttiva, sakemm il-leġislazzjoni nazzjonali, il-ftehim kollettiv, u l-ikkurdar bejn l-imsejbin soċjali ma jiddisponux mod ieħor.

16. Fl-aħħar, il-proposta tikkunsidra s-sitwazzjoni partikulari ta' l-intrapriżi, notevolment tal-SME. Fil-fatt, l-*opt-out* individwali se jibqa' aċċessibbli għall-intrapriżi li ma għandhomx la ftehim kollettiv u l-anqas rappreżentazzjoni ta' l-impjegati (essenzjalment intrapriżi żgħar ħafna jew żgħar) u l-possibbiltà li jkun iffissat il-perijodu ta' riferiment ta' sena se jissimplifika l-immaniġġjar tal-*ħin tax-xogħol* ta' l-impjegati, filwaqt li jippermetti adattament aħjar għall-varjazzjonijiet tad-domanda.

IV. KONTENUT MATERJALI TAL-PROPOSTA

17. Hu propost li jkun emendat bħalma ssegwi d-Direttiva 2003/88/KE.
18. *Artikolu 2 (Definizzjonijiet)*: Id-definizzjonijiet ta' "*ħin ta' xogħol*" u ta' "*ħin ta' mistrieħ*" ma jiġux mibdula. Din il-proposta tinserixxi żewġ definizzjonijiet ġodda: "*ħin ta' xogħol għal li jista' jinqala*" u "*perijodu inattiv tal-*ħin ta' xogħol għal li jista' jinqala**", li se jiġu miżjuda mad-definizzjonijiet eżistenti. Dawn iż-żewġ definizzjonijiet ġodda għandhom l-għan li jintroduċu fid-direttiva nozzjoni li mhix eżattament kategorija ta' *ħin* li għandha tiżdied mat-tnejn l-oħra, iżda kategorija li tintegra, f'proporzjonijiet diversi, iż-żewġ nozzjonijiet tal-"*ħin tax-xogħol*" u tal-"*perijodu ta' mistrieħ*". In-nozzjoni ta' "*ħin ta' xogħol għal dak li jista' jinqala*" proposta tkopri s-sitwazzjonijiet fejn il-ħaddiem għandu l-obbligu li joqgħod fuq il-post tax-xogħol.
19. *Artikolu 2b ġdid (Ħin meta wieħed ikun xogħol għal dak li jista' jinqala)*: Wara l-inserzjoni taż-żewġ definizzjonijiet, dan l-Artikolu għandu l-għan li jiddefinixxi r-regola li tapplika għal *ħin meta wieħed ikun xogħol għal dak li jista' jinqala* u b'mod aktar speċifiku għall-perijodi inattivi tal-*ħin meta wieħed ikun xogħol għal dak li jista' jinqala*. Hu definit b'mod ċar li l-perijodi inattivi ta' *ħin ta' xogħol għal dak li jista' jinqala* mhumix *ħin ta' xogħol fis-sens tad-direttiva*, sakemm il-kuntrarju ma jkunx stipulat mil-liġi nazzjonali jew, b'konformità mal-leġislazzjoni u/jew Prattiki nazzjonali, b'ftehim kollettiv jew akkordju bejn imsejbin soċjali. Għal dak li huma perijodi li fil-*ħin* tagħhom il-ħaddiem jaqdi effettivament l-attivitajiet u l-funzjonijiet tiegħu, dawn għandhom ikun kunsidrati kollha bħala *ħin ta' xogħol fis-sens tad-direttiva*.
20. *Artikolu 16 (Perijodi ta' referenza), paragrafu b)*: Skond din l-emenda, il-perijodu ta' referenza "*standard*" tibqa' ta' 4 xhur. Għaldaqstant, l-Istati Membri se jkun jistgħu jgawdu dan il-perijodu sa sena, bil-kondizzjoni li jikkonsultaw ma' l-imsejbin soċjali interessati u li jinkoraġġixxu d-djalogu soċjali f'dan il-qasam. Hu speċifikat ukoll li t-tul tal-perijodu ta' referenza ma jista' l-ebda każ ikun superjuri għat-tul tal-kuntratt tax-xogħol.
21. *Artikolu 17 (Derogi), paragrafu 1 u 3*: Dawn l-emendi għandhom jinqraw flimkien ma' l-emenda ta' l-Artikolu 16, paragrafu b). Hi tneħħi l-possibbiltà li jkun derogat il-perijodu ta' referenza ta' erba' xhur. Minħabba li l-liġi nazzjonali se tkun tista' tiffissa perijodu ta' referenza ta' sena, mhux ħa jkun aktar neċessarju li tipprevedi deroga li tista' twassal sa sitt xhur.
22. *Artikolu 17 (Derogi), paragrafu 2*: L-Artikoli 3 u 5 jistabbilixxu perijodi ta' mistrieħ ta' matul il-jum u ta' matul il-ġimgħa, rispettivament, ta' 11-il siegħa konsekuttivi għal perijodu ta' 24 siegħa u ta' 24 siegħa flimkien mal-11 ta' mistrieħ ta' kuljum għal kull perijodu ta' sebat ijiem. Hu għaldaqstant possibli li ssir deroga ta' dawn iż-

żewġ artikoli. Fil-każ ta' deroga, fil-prinċipju, mistrieħ ta' kumpens irid jingħata lill-ħaddiema. Din l-emenda għandha l-għan li tiċċara li l-perijodi ta' mistrieħ ta' kumpens għandhom ikunu garantiti fi żmien raġonevoli u, f'kull każ, fi żmien li ma jaqbeżx it-72 siegħa.

23. *Artikolu 18 (Derogi permezz ta' ftehim kollettiv):* Dan l-Artikolu għandu wkoll kjarifika li tikkonċerna l-mistrieħijiet ta' kumpens (ara hawn fuq).
24. L-ewwel u t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 19 u tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 20 huma mneħħijin. Fiż-żewġ każijiet, hija involuta t-tneħħija tad-derogi tal-perijodu ta' referenza, li saru bla użu, wara l-emenda proposta għall-Artikolu 16, paragrafu b).
25. *Artikolu 22, paragrafu 1:* Din id-disposizzjoni tistabbilixxi l-kondizzjonijiet li jridu jkunu rispettati mill-Istati Membri biex jippermettu n-nuqqas ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6 (tul massimu fil-gimħa ta' ħin ta' xogħol).

In-nuqqas ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 6 hija sottomessa għall-kondizzjoni li tkun awtorizzata bi ftehim kollettiv jew akkordju konkluż bejn l-imsejbin soċjali fil-livell adegwat.

It-test jipprevedi li din l-obbligazzjoni ta' awtorizzazzjoni bi ftehim kollettiv ma tkunx applikabbli meta ebda ftehim kollettiv mhu b'seħħ u meta ma teżistix fl-intrapriża jew l-istabbiliment rappreżentanza ta' l-impjegati li għandha s-setgħa tikkonkludi ftehim kollettiv jew akkordju f'dan il-qasam, skond il-leġislazzjoni u/jew il-prattiki nazzjonali. F'dan il-każ, il-kunsens individwali tal-ħaddiem, skond il-kondizzjonijiet definiti, huwa suffiċjenti.

L-awtorizzazzjoni permezz ta' ftehim kollettiv jew akkordju hi kondizzjoni neċessarja iżda mhux suffiċjenti. Fil-fatt, il-kunsens tal-ħaddiem jibqa' dejjem neċessarju. F'dak li jikkonċerna s-sitwazzjoni preċedenti, il-kondizzjonijiet huma definiti b'mod aktar ċar u aktar preċiż. Għalhekk, l-akkordju tal-ħaddiem għandu jkun mogħti bil-miktub, hu ma jistax ikun mogħti fil-bidu tar-relazzjoni ta' l-impjieg jew matul il-perijodu ta' prova, il-perijodu ta' validità tiegħu hija limitata, limitu massimu assolut ta' sigħat ta' xogħol hu ffixsat, l-obbligu taż-żamma ta' reġistri huwa speċifikat.

Proposta ta'

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2003/88/KE li tikkonċerna ċerti aspetti ta' l-arranġament tal-ħin tax-xogħol

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidraw it-trattat tat-twaqqif tal-Komunità Ewropea, u notevolment l-Artikolu 137 tiegħu, paragrafu 2,

wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni⁵

wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁶

wara kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni⁷

li jagħtu deċiżjoni b'konformità mal-proċedura relatata ma' l-Artikolu 251 tat-Trattat⁸

jikkunsidraw dan li ġej:

- (1) L-Artikolu 137 tat-Trattat jipprevedi li l-Komunità tappoġġa u tkompli l-azzjoni ta' l-Istati Membri bl-iskop li ttejjeb l-ambjent tax-xogħol sabiex tipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Id-direttivi adottati fuq il-bażi ta' l-imsemmi Artikolu għandhom jevitaw li jkun imponenti sfurzar amministrattiv, finanzjarju jew ġuridiku b'tali mod li jfixklu l-ħolqien u l-iżvilupp ta' intrapriżi żgħir u ta' daqs medju.
- (2) Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti ta' l-arranġament tal-ħin tax-xogħol⁹ tiffissa preskrizzjonijiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa fil-qasam ta' l-arranġament tal-ħin tax-xogħol, applikabbli għall-perijodi ta' mistrieħ ta' matul il-ġurnata, għall-ħinijiet ta' pawża, għall-mistrieħ matul il-ġimgħa, għat-tul massimu fil-ġimgħa ta' xogħol, għall-*leave* annwali kif ukoll f'ċerti aspetti tax-xogħol ta' billejl, tax-xogħol bix-*shift* u tar-ritmu tax-xogħol.

⁵ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁶ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁷ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁸ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁹ Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti ta' l-arranġament tal-ħin tax-xogħol, ĠU L 299, tat-18.11.2003, p. 9.

- (3) Żewġ disposizzjonijiet 2003/88/KE huma akkumpanjati bi klawżola ta' eżaminazzjoni mill-ġdid qabel it-23 ta' Novembru 2003. Dawn jikkonċernaw l-Artikolu 19 u l-Artikolu 22, paragrafu 1.
- (4) Aktar minn għaxar snin wara l-adottament tad-Direttiva 93/104/KE tal-Kunsill¹⁰, id-Direttiva inizjali fil-qasam ta' l-arranġament tal-ħin tax-xogħol, hu konfermat neċessarju li tkun immodernizzata l-leġislazzjoni komunitarja, bil-għan li tirrispondi aħjar għar-realitajiet u d-domandi, kemm ta' minn iħaddem kif ukoll tal-ħaddiema.
- (5) Il-konċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja familjari hi element essenzjali sabiex ikunu milħuqa l-oġġettivi li l-Unjoni ffissat għaliha nfisha fl-Istrateġija ta' Lisbona. Hi tali mod li toħloq mhux biss ambjent ta' xogħol aktar sodisfaċenti, iżda wkoll tippermetti adattament għall-bżonnijiet tal-ħaddiema, notevolment ta' dawk li għandhom responsabbiltajiet familjari. Bosta emendi introdotti fid-Direttiva 2003/88/KE, notevolment f'dak li jikkonċerna l-Artikolu 22, jippermettu kompatibilità aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja familjari.
- (6) F'dan il-kuntest, hija r-responsabbiltà ta' l-Istati Membri li jinkoraġġixxu lill-imsejbin soċjali li jikkonkludu, fil-livell adatt, akkordji li jstabbilixxu regoli li għandhom l-għan ta' kompatibilità aħjar bejn il-ħajja professjonali u l-ħajja familjari.
- (7) Il-bżonn qed jinħass biex jinstab bilanċ ġdid bejn il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-ħaddiema u l-bżonn li tingħata aktar flessibilità fl-arranġament tal-ħin tax-xogħol, notevolment f'dak li jikkonċerna l-ħin meta wieħed ikun fuq xogħol għal dak li jista' jinqala' u, b'mod aktar speċifiku, il-perijodi inattivi matul il-ħin ta' meta wieħed ikun fuq xogħol għal dak li jista' jinqala'.
- (8) Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-perijodu ta' referenza għandhom ukoll ikunu riveduti, bl-għan li jissimplifikaw is-sistema eżistenti u biex ikunu adattati aħjar għall-bżonnijiet ta' l-intrapriżi u tal-ħaddiema.
- (9) L-esperjenza akkwistata fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22, paragrafu 1, turi li d-deċizzjoni finali purament individwali li mhix obbligata bl-Artikolu 6 tad-direttiva tista' toħloq problemi f'dak li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-ħaddiema kif ukoll l-għażla libera tal-ħaddiem.
- (10) Skond it-termini ta' l-Artikolu 138, paragrafu 2, tat-Trattat, il-Kummissjoni kkonsultat lill-imsejbin soċjali fil-livell komunitarju dwar l-orjentazzjoni possibbli ta' azzjoni komunitarja f'dan il-qasam.
- (11) Wara din il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni kkalkulat li azzjoni komunitarja tkun mixtieqa u kkonsultat mill-ġdid l-imsejbin soċjali fil-livell komunitarju dwar il-kontenut tal-proposta preveduta, b'konformità ma' l-Artikolu 138, paragrafu 3, tat-Trattat.
- (12) Skond it-termini ta' din it-tieni fażi ta' konsultazzjoni, l-imsejbin soċjali ma nformawx il-Kummissjoni bil-volontà tagħhom li jibdew proċess li se jkun jista'

¹⁰ Direttiva 93/104/KE tal-Kunsill ta' l-23 ta' Novembru 1993 li tikkonċerna ċerti aspetti ta' l-arranġament tal-ħin tax-xogħol, ĠU L 307, tat-13.12.1993, p. 18.

jwassal għall-konklużjoni ta' akkordju, hekk kif previst mill-Artikolu 138, paragrafu 4, tat-Trattat.

- (13) Minħabba l-oġġettivi ta' l-azzjoni prevista, li tikkonsisti li timmodernizza l-leġislazzjoni komunitarja li tikkonċerna l-arranġament tal-ħin tax-xogħol, ma jistgħux ikun imwettqa b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk ikunu mwettqa miżuri aħjar fil-livell komunitarju, il-Komunità tista' tiegħu miżuri, li jikkonformaw mal-prinċipju ta' sussidjarjetà ddedikat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità hekk kif hu miktub fl-imsemmi Artikolu din id-direttiva ma tiskorriex il-limitu ta' dak li hu neċessarju biex ikunu milħuqa dawn l-oġġettivi.
- (14) Din id-direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji li huma magħrufin notevolment mill-Karta tad-drittijiet fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. B'mod partikulari, din id-direttiva għandha l-għan li tassigura r-rispett kollu għad-dritt ta' kondizzjonijiet ta' xogħol ġusti u onesti (Artikolu 31 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea).
- (15) B'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà u mal-prinċipju tal-proporzjonalità, maħsuba fl-Artikolu 5 tat-Trattat, l-oġġettivi ta' l-azzjonijiet previsti hawn fuq ma jistgħux ikunu milħuqa b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, fil-livell fejn jikkonċerna li jkun emendat att ta' liġi komunitarja li tkun b'seħħ.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2003/88/KE hi emendata kif ġej :

1. Fl-Artikolu 2, il-punti 1b u 1c huma inseriti:

1 b. "ħin meta wieħed ikun xogħol għal dak li jista' jinqala'": perijodu li matulu l-ħaddiem għandu l-obbligu li jkun disponibbli fuq il-post tax-xogħol sabiex jintervjeni, għad-domanda ta' min iħaddmu, sabiex jeżerċita l-attività jew il-funzjonijiet tiegħu.

1c. "il-perijodu inattiv ta' ħin ta' xogħol għal dak li jista' jinqala'": perijodu li waqtu l-ħaddiem ikun għalli jista' jinqala' fis-sens ta' l-Artikolu 1b, iżda ma jkunx imsejjaħ minn min iħaddmu biex jeżerċita l-attività jew il-funzjonijiet tiegħu."

2. L-Artikolu 2b li ġej hu inserit:

"Artikolu 2b

Ħin meta wieħed ikun xogħol għal dak li jista' jinqala'

Il-perijodu inattiv tal-ħin meta wieħed ikun xogħol għal dak li jista' jinqala' mhux ikkunsidrat bħala ħin ta' xogħol, sakemm il-liġi nazzjonali jew, b'konformità mal-leġislazzjoni u/jew prattiki nazzjonali, ftehim kollettiv jew akkordju bejn l-imsejbin soċjali ma jkunux jiddisponu mod ieħor.

Il-perijodu li matulu l-ħaddiem jeżerċita effettivament l-attivitajiet jew il-funzjonijiet tiegħu matul il-ħin meta jkun xogħol għal dak li jista' jinqala' hu dejjem ikkunsidrat bħala ħin ta' xogħol."

3. Fl-Artikolu 16, il-punt b) hu sostitwit bit-test li ġej:

"b) għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6 (tul massimu fil-ġimgħa ta' xogħol), perijodu ta' referenza ma jaqbix l-erba' xhur.

Għaldaqstant, l-Istati Membri jistgħu, permezz ta' pass leġislattiv jew regolamentari, għal raġunijiet oġġettivi jew tekniċi jew għal raġunijiet konnessi ma' l-organizzazzjoni tax-xogħol, itawlu dan il-perijodu ta' referenza għal tnax-il xhar, taħt riżerva li jirrispettaw il-prinċipji ġenerali li jikkonċernaw il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-ħaddiema, u taħt riżerva li jikkonsultaw lill-imsejbin soċjali interessati u li jagħmlu sforzi biex jinkoraġġixxu kull forum pertinenti ta' djalogu soċjali, li jinkludu l-kooperazzjoni jekk il-partijiet jixtiquha.

Meta t-tul tal-kuntratt tax-xogħol hu inqas minn sena, il-perijodu ta' referenza ma jistax ikun superjuri għat-tul tal-kuntratt tax-xogħol.

Il-perijodi ta' *leave* annwali bi ħlas, li jaqbel b'konformità ma' l-Artikolu 7, u l-perijodi ta' *sick leave* ma jkunux ikkunsidrati u jkunu newtrali meta titkejjel il-medja;"

4. L-Artikolu 17 hu emendat kif ġej:

a) F'paragrafu 1, il-kliem "fl-Artikoli 3 sa 6, 8 u 16" huma sostitwiti bil-kliem "fl-artikoli 3 sa 6, 8 u 16, punti a) u c)".

b) F'paragrafu 2, il-kliem "b'kondizzjoni li perijodi ekwivalenti ta' mistrieħ ta' kumpens ikunu mogħtija lill-ħaddiema konċernati" huma sostitwiti bil-kliem "b'kondizzjoni li perijodi ekwivalenti ta' mistrieħ ta' kumpens ikunu mogħtija lill-ħaddiema konċernati f'dewmien raġonevoli li ma jistax ikun aktar minn 72 siegħa".

a) F'paragrafu 3, fis-sentenza ta' introduzzjoni, l-kliem "fl-Artikoli 3, 4, 5, 8 u 16" huma sostitwiti bil-kliem "fl-Artikoli 3, 4, 5, 8 u 16, punti a) u c)".

d) Il-paragrafu 5 hu emendat kif ġej:

i) L-ewwel paragrafu hu mibdul mit-test li ġej:

"B'konformità ma' paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jista' jkun derogat fl-Artikolu 6, fil-każ ta' tobba li jkunu għadhom qed jiġu mħarrġa, fil-kondizzjonijiet iffissati mit-tieni sas-seba' daħla ta' dan il-paragrafu."

ii) L-aħħar paragrafu hu mneħħi.

5. b) Fl-Artikolu 18, it-tielet paragrafu, il-kliem "b'kondizzjoni li perijodi ekwivalenti ta' mistrieħ ta' kumpens ikunu mogħtija lill-ħaddiema konċernati" huma sostitwiti bil-kliem "b'kondizzjoni li perijodi ekwivalenti ta' mistrieħ ta' kumpens ikunu mogħtija lill-ħaddiema konċernati f'dewmien raġonevoli li ma jistax ikun aktar minn 72 siegħa".

6. L-Artikolu 19 hu mibdul mit-test li ġej:

"L-Istati Membri għandhom il-fakultà, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema, li jippermettu li, għal raġunijiet oġġettivi jew tekniċi jew għal raġunijiet konnessi ma' l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-konvenzjonijiet kollettivi jew l-akkordji konklużi bejn l-imsejbin soċjali jiffissaw perijodi ta' referenza, li tikkonċerna t-tul massimu ta' xogħol fil-ġimgħa, li ma jaqbżux fl-ebda każ it-tnax-il xhar."

7. Fl-Artikolu 20, paragrafu 2 hu mneħħi:

8. L-Artikolu 22 hu modifjat kif ġej:

i) L-ewwel paragrafu hu mibdul mit-test li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom il-fakultà li ma japplikawx l-Artikolu 6 filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema. It-tħaddim ta' din il-fakultà għandu għaldaqstant ikun espressivament previst mill-ftehim kollettiv jew l-akkordju konkluż bejn l-imsejbin soċjali fil-livell nazzjonali jew reġjonali jew b'konformità mal-leġislazzjoni u/jew il-prattiki nazzjonali, permezz ta' ftehim kollettiv jew akkordji konklużi bejn l-imsejbin soċjali f'livell adegwat.

It-tħaddim ta' din il-fakultà huwa wkoll possibbli, bl-akkordju bejn min iħaddem u l-ħaddiem, meta ebda ftehim kollettiv mhu b'seħħ u meta ma' teżistix, fl-intrapriża jew l-istabbiliment konċernat, rappreżentanza ta' l-impjegati li kapaċi tagħmel dan, b'konformità mal-leġislazzjoni u/jew il-prattiki nazzjonali, biex tikkonkludi ftehim kollettiv jew akkordju bejn l-imsejbin soċjali f'dan il-qasam.

b) Il-paragrafu 1b li ġej hu inserit:

1 b. F'kull każ, l-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu użu mill-fakultà prevista f'paragrafu 1 għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jassiguraw li:

a) l-ebda persuna li tħaddem ma tista' titlob ħaddiem biex jaħdem aktar minn tmienja u erbgħin siegħa matul il-perijodu ta' sebat ijiem, ikkalkulati bħala l-medja tal-perijodu ta' referenza indikat fl-Artikolu 16, punt b), sakemm ma jkunx ottiena l-kunsens bil-miktub tal-ħaddiem sabiex jagħmel xogħol simili. Il-validità ta' ftehim simili ma tistax tkun aktar minn sena, li tista' tkun imġedda. Akkordju mogħti waqt l-iffirmar tal-kuntratt individwali ta' xogħol jew matul kull perijodu ta' prova jkun ineżistenti;

b) l-ebda ħaddiem ma jista' jbati ebda preġudizzju minħabba l-fatt li hu mhux dispost li jagħti l-akkordju tiegħu biex jagħmel xogħol simili;

c) l-ebda ħaddiem ma jista' jaħdem aktar minn ħamsa u sittin siegħa fi kwalunkwe ġimgħa, sakemm il-ftehim kollettiv jew l-akkordju konkluż bejn l-imsejbin soċjali ma jiddisoponix mod ieħor;

d) min iħaddem għandu jżomm ir-reġistri aġġornati tal-ħaddiema kollha li jagħmlu xogħol simili u tan-numru ta' sigħat effettivament maħduma;

e) ir-reġistri għandhom ikunu għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti li jkun jistgħu jżommu jew jillimitaw, għal raġunijiet ta' sigurtà u/jew ta' saħħa tal-ħaddiema, il-possibbiltà li jaqbżu t-tul ta' ħin massimu ta' xogħol fil-ġimgħa;

f) min iħaddem, fuq domanda ta' l-awtoritajiet kompetenti, jagħtihom l-informazzjoni dwar l-akkordji mogħtija mill-ħaddiema biex jagħmlu xogħol li jaqbeż t-tmienja u erbgħin siegħa matul perijodu ta' sebat ijiem, ikkalkulat bħala l-medja tal-perijodu ta' referenza indikat f'Artikolu 16, punt b), kif ukoll fuq is-sigħat effettivament maħduma minn dawn il-ħaddiema.

9. L-Artikolu 24b li ġej hu inserit:

"Artikolu 24b

Rapport tat-tħaddim

Mhux aktar tard minn ħames snin wara d-data prevista fl-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, il-Kummissjoni tagħmel rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar it-tħaddim tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, b'mod partikulari ta' l-Artikolu 22, paragrafi 1 u 2, akkumpanjat, jekk ikun hemm bżonn, minn proposti adatti, li jkollhom l-għan notevolment, jekk hi tikkalkula li hu neċessarju, li tkun imneħħija gradwalment din id-dispożizzjoni.

Artikolu 2

L-Istati Membri jiddeterminaw is-sistema ta' sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali implimentati b'din id-direttiva u jieħdu kull miżura neċessarja biex jassiguraw it-tħaddim tagħhom. Għalhekk is-sanzjonijiet previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u dissważivi. L-Istati Membri jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni mhux aktar tard mid-data msemmija fl-Artikolu 3, u kull emenda ulterjuri fl-inqas ħin possibbli. Huma jaraw b'mod partikulari li l-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tagħhom ikollhom il-proċeduri adegwati għall-finijiet ta' twettiq ta' l-obbligi previsti permezz ta' din id-direttiva.

Artikolu 3

L-Istati Membri jħaddmu b'seħħ id-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji biex jikkonfermaw ma' din id-direttiva mhux aktar tard mill [-] jew jassiguraw mhux aktar tard minn din id-data li l-imseħbin soċjali stabbilixxaw id-dispożizzjonijiet neċessarji permezz ta' akkordju, l-Istati Membri għandhom jieħdu d-dispożizzjoni neċessarja kollha biex jippermettulhom li jkunu f'kull mument f'pożizzjoni li jiggarantixxu r-riżultati imposti b'din id-direttiva. Huma jikkomunikaw immedjatament lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet kif ukoll lista tal-korrespondenza bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn ta' l-aħħar ikollhom referenza għal din id-direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza simili meta jkunu ppubblikati uffiċjalment. Il-klawsoli ta' din ir-referenza huma deċiżi mill-Istati Membri.

Artikolu 4

Din id-direttiva tidħol b'seħħ il-ġurnata li tiġi wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hi ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, f'

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
[...]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]